MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Numru 18/2002

**Il-Pulizija
Spettur Jason Agius
V**

**STEPHEN URRY**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **STEPHEN URRY** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Martin u Bernardette nee Attard, imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Ottubru 1979 u residenti 'Marbet House', Triq l-Isqof Pietru Pace, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita numru 547079M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. nhar t-tmintax ta' Lulju 2000 f'Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAI 358 ghad-detriment ta' Eric

Wadge minn Hal Tarxien, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli fil-lejl ta' bejn t-tlieta w ghoxrin u l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2000 fil-Fgura, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAG 117 ghad-detriment ta' Darren Camilleri mill-Fgura, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa,

3. talli fit-tnejn ta' L:ulju 2001 f'xi hin wara nofsinhar f'Hal Tarxien, saq mutur tal-ghamla Yamaha minghajr numru ta' registrazzjoni meta dan ma kienx registrat mal-Kummissarju tal-Pulizija u ma kienx kopert b'licenzja jew polza t'assikurazzjoni;

4. talli fit-tlieta ta' Lulju 2001 jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom u cioe ta' diversi bicciet ta' muturi;

5. talli fit-tlieta ta' Lulju 2001 u fix-xhur ta' qabel, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi hassar n-numru tas-serie tal-magna u tal-frame tal-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAI 358 liema mutur gie mehud mill-pussess tieghu fit-tlieta ta' Lulju 2001;

6. talli fit-tlieta ta' Lulju 2001 u fix-xhur ta' qabel ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi hassar in-numru tas-serie tal-magna u tal-frame tal-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAI 358 liema mutur gie mehud mill-pussess tieghu fit-tlieta ta' Lulju 2001;

7. talli fil-hdax ta' Settembru 2001 u fix-xhur ta' qabel f'Rahal Gdid, u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet

differenti kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 5(I) tal-Avviz Legali numru 22 tas-sena 1985, kif sussegwentement amendat u 35(b) [li llum sar 40(a)] u 89(a) [li llum sar 120(A)] u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tas-sena 1985 kif amendat, liema medicina kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;

8. talli fil-hdax ta' Settembru 2001, u fix-xhur ta' qabel minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-fond "Marbet House", Triq l-Isqof Pietru Pace, Rahal Gdid, zamm fil-pussess tieghu munizzjon, li kien jikkonsisti f'bullets ta' diversi tipi ta' skratac tal-kacca;

9. talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1998, jew fil-jiem ta' qabel fil-Kalkara, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAU 183 ghad-detriment ta' Mario Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

10. talli fl-ghaxra ta' Dicembru 2000 jew fil-jiem ta' qabel fl-Isla, ikkommetta serq ta' mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FAR 248 ghad-detriment ta' Robert Barbara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira izda mhux l-elf lira maltin, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

11. talli fil-hdax ta' Settembru 2001, jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom u cioe ta' diversi bicciet ta' muturi;

12. talli fil-hdax ta' Settembru 2001, jew fix-xhur ta' qabel, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi hassar n-numru tas-serie tal-magni Yamaha li kienu fuq il-

muturi Yamaha bin-numri ta' registrazzjoni FAU 183 u FAR 248 ghad-dannu ta' Robert Barbara mill-Isla u Mario Azzopardi mill-Kalkara;

13. talli fil-hdax ta' Settembru 2001, u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu arma regolari u bil-ponta meta ma kellux licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-ligi tordna lil imsemmi Stephen Urry sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha ta' Jannar 2002 esibit a fol 8 tal-atti odjerni markat bhala dokument CSH 2 u l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha [Kap 31] esibit fl-atti a fol 7 markat bhala dokument CSH 3.

Semghet lil imputat jiddikjara, kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2002, li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat il-processi verbali esibiti fl-atti u l-konferma tal-esperti.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar t-tnejn ta' Gunju 2004 l-imputat fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu ddikjara li kien qed jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha salv dik ta' pussess ta' droga u sussegwentement li jrid jaghmel programm kif jirrizulta mill-verbal a fol 215 tal-atti odjerni.**

Illi dan nonostante l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-akkuzi li gew moghtija mill-Prosekuzzjoni u hija tal-fehma li ghalkemm l-imputat

irregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha salv ghas-sebgha akkuza, u cioe dik naxxenti mid-disposizzjoni tal-Kap 31, il-Qorti ma tistax issibu hati tal-hdax l-akkuza ta' ricettazzjoni nonostante l-ammisjoni tieghu stante li din giet moghtija mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghal akkuzi kollha ta' serq.

**Dwar s-sebgha akkuza**, u cioe dik ta' pussess ta' medicina specifikat u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss, il-Qorti ezaminat il-process bir-reqqa u tirrileva s-segwenti.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2002 **xehed Clifford Cauchi** fil-kapacita tieghu ta' Principal Head Inspector fid-Drug Control Unit tad-Dipartiment tas-Sahha u dan kif jirrizulta a fol 112 et seq tal-atti. Illi minn ricerka li ghamel irrizulta li l-imputat kellu Control Card sabiex jottjeni medicini specifikati f'din l-istess Control Card u dan b'effett mill-hmistax ta' Lulju 1999, liema card kellha tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru 1999.

Illi sussegwentement d-Dipartiment tas-Sahha hareg control card iehor f'isem l-imputat u dan nhar d-disgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001, liema tieni card kellha tiskadi fil-wiehed u tletin ta' Dicembru 2001. Dawn iz-zewg cards gew mahruga fuq talba tad-Detox u appuntu fuq talba ta' Doctor Antoine Ellul u Doctor George Grech [vide dokument SU 1 a fol 114 tal-atti]. Mistoqsi jghid x'tip ta' droga setgha jinghata, x-xhud Clifford Cauchi wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jirrispondi.

Skond d-dokument esibit fl-atti markata bhala PV 1 a fol 133 presentat mill-Ispettur Paul Vassallo nhar l-hdax ta' Marzu 2002, jirrizulta li l-imputat kien qed jiehu s-segwenti medicinali u cioe Bolvidon - 30mgs, Melleril - 25mgs u Dalmane - 30mgs, filwaqt li omm l-imputat kienet qed tiehu l-medicina Tryptizol tablets u Lexotan - 3mgs, skond d-dokument PV 2 esibit a fol 134 tal-atti rilaxxjat minn Doctor Joseph Carabaott D'Amato.

**PS 620 Stephen Bunce xehed** nhar l-hdax ta' Marzu 2002 kif jirrizulta a fol 148 tal-atti, fejn spjiega kif waqt

search li huwa ghamel fir-residenza ta' Stephen Urry nhar l-hdax ta' Settembru 2001 huwa eleva diversi oggetti fosthom numru ta' pilloli li sussegwentement ghadda lil Ispizjar Mario Mifsud ghal aktar ezamijiet.

Illi l-Ispizjar Mario Mifsud ezamina l-pilloli moghtija lilu minn PS 602 Stephen Bunce u identifikhom bhala dawk ta' *Paracetamol*, *Naprosyn, Methyldopa, Tryptizol, Thioridazin, Ponstan, Voltaren, Nurofen, Amoxyl, Calcium, Ranitidin, Bolvidan* u *Remedeine Forte*, liema medicinali ma kienux kontrollati bil-ligi. Dawk l-*Flurazepam li* huma pilloli kontrollati bil-ligi taht t-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta Malta u dawk l-pilloli *Stilnox-Zolpidem* wkoll huma kontrollati mill-ligi taht t-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk in konkluzzjoni, l-<u>unika pillola li hija kontrollata bil-ligi</u> u li nsabtet ghand l-imputat <u>hija *Flurozepam*</u> li hija kontrollata taht t-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Ispizjar Mario Mifsud jaghti il-Kodici Laboratorji ghal din il-pillola bhala 02 MMM 03/15 u cioe li kien hemm tnejn.

Illi ghalhekk in konkluzzjoni, il-Qorti trid tara jekk dawn z-zewg pilloli misjuba ghand l-imputat ta' *Flurozepam* kienux koperti bil-Control Card li kellu l-imputat u dan ghaliex l-imputat ma kellux ghalfejn jkollu Control Card ghal kumplament tal-pilloli [imsemmija u deskritti mill-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu] misjuba ghandu peress li mhux medicini kontrollati bil-ligi.

Issa minn ezami ulterjuri li ghamlet din il-Qorti, jirrizulta li l-pilloli *Dalmane* li l-imputat kien qed jiehu b'mod regolari skond Doctor A. Ellul [vide dokument PV 1 a fol 133] hija t-trade neme tal-Pharmaceutical name tal-medicinali *Flurozepam* li hija ghalhekk l-istess droga. Issa skond Doctor A. Ellul u cioe ix-xhieda li ta fit-tnejn u ghoxrin ta' April 2002 l-imputat kellu jiehu zewg pilloli *Dalmane - 30mg* kuljum u jigbor dawn il-pilloli mill-isptar dabra fil-gimgha. B'hekk jfisser li l-pussess ta' dawn z-zewg pilloli *Dalmane - 30mg* li huma *Flurozepam* kien wiehed legittimu.

Fil-konfront tal-medicinali *Stilnox-Zolpidem* li huma medicinali kontrollati bil-ligi taht t-Tielet Skeda Parti B tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud u appuntu a fol 145, fejn l-istess espert Spizjar attira l-attenzjoni tal-Qorti li meta sar l-kaz din il-pillola ma kienetx ikkontrollata bil-ligi u a bazi tal-principju *lex non habet oculus retro*, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati ta' pussess legittimu ta' dawn l-istess pilloli.

In konkluzzjoni u sabiex tirrikapitola, din **il-Qorti ghalhekk qed tiddikjara li qed issib lil imputat STEPHEN URRY hati tal-akkuzi kollha moghtija lilu mill-Prosekuzzjoni, salv u b'eccezzjoni ghas-sebgha [7] u l-hdax [11] l-akkuza mill-liema zewg akkuzi qed tilliberah**.

**Dwar il-piena,** il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li ma hiex wahda reflettarja, pero minn naha l-ohra, rat li l-imputat ikkommetta diversi serqiet fuq medda ta' zmien u cioe bejn l-perjodu mill-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1998 sal-hdax ta' Settembru 2001, meta kkommetta is-serqiet in ezami.

Rat li l-imputat ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu ghaliex fil-fatt reggha kiser dufrejh mal-ligi.

Illi tul dan il-kaz li ilu pendenti ghal perjodu ta' 'l fuq minn sentejn l-imputat ma talab ebda ghajnuna sabiex jindirizza l-problema ta' droga salv waqt l-ahhar seduta waqt t-trattazzjoni tal-kaz.

Illi fil-fehma tal-Probation Officer l-imputat ghandu jindirizza l-problema ta' droga billi jkollu kuntatt regolari ma agenzija li toffri servizz kontra l-abbuz ta' droga sabiex b'hekk l-imsemmi jinghata kull ghajnuna mehtiega.

Rat wkoll li l-imputat huwa disokkupat u ghalhekk ma setghax jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta.

Illi ghalhekk a bazi tas-suespost il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-istess imputat.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 334, 325, 189, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 17 u 18, 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku, l-Avviz Legali 128/1994, l-atikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, l-artikolu 3 tal-Kap 104, l-artikolu 3(1) u 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 5(I) tal-Avviz Legali numru 22/1985, kif sussegwentement amendat u 35(b) [li llum sar 40(a)] u 89(a) [li llum sar 120(A)] u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tas-sena 1985 **tiddikjara li qed issib lil imputat STEPHEN URRY hati tal-akkuzi kollha salv is-sebgha [7] u l-hdax [11] il-wahda, mill-liema zewg akkuzi tilliberah, u tikkundannah b'mod komplessiv ghal piena karcerarja ta' sentejn ghal akkuzi kollha li taghhom sabitu hati.**

**Tordna li l-oggetti kolllha esibiti f'awn l-atti in konnessjoni mal-akkuzi li taghhom sabitu hati, jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.**

**Tiddikjara li ma tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni ghad-distruzzjoni tal-pilloli stante li l-imputat ma nstabx hati ta' din l-akkuza ta' pussess ta' medicinali.**

**Taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jindirizza l-problemi akuti li ghandu dwar l-abbuz tad-droga.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------